MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 44/2009

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Martin Joseph Xuereb ta’ 36 sena bin ’l Anthony u Carmen nee’ Vella imwieled l-Awstralia fit-12 ta’ Frar, 1973, residenti fil-fond numru Garage 2, St. Mary’s Apartments, Triq ir-Rabat, Xlendi, Ghawdex, detentur tal-karta ta l-identita’ numru 509090(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Martin Joseph Xuereb li gie akkuzat talli nhar it-2 ta’ Lulju, 2009, u granet ta’ qabel gewwa x-Xewkija;

a) Seraq pjanca tar-registrazzjoni JBH272, ta’ valur ta’ inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u

disghin centezmu (232.94), liema serq huwa aggravat bil-mezz, w bin-natura tal-haga misruqa;

b) Talli nhar it-03 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30), gewwa x-Xlendi (limiti tal-Munxar), u granet ta' qabel sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni JBH272 fuq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331 billi wahhal dawn in-numru ai termini tal-Atikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni JBH272 fuq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331, ai termini ta-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq fuq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331, meta n-numri tar-registrazzjoni kien JBH272 li kienu jappertjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni -- u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

f) Talli nhar id-29 ta' Gunju, 2009, ghal habta tas-siegha ta' filghodu (01:00) gewwa Triq Fortunato Mizzi, Rabat, (Ghawdex), u granat ta' qabel sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor,

f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni CAF267 fuq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331 billi wahhal dawn in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkontanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni CAF267 fuq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghruga bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331, ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kap, 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

h) Fl-istess zmien, lok u cirkosntanzi, saq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331, meta n-numri tar-registrazzjoni kien CAF267 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni ghal riskji ta' terzi persuni ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) Talli nhar is-26 ta' Gunju, 2009, ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17:30) gewwa Triq Main Gate, Rabat, (Ghawdex), saq vettura tat-tip quad bike ghamla mhux maghrufa bin-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331, b'manjiera traskurata;

j) Talli fl-istess post, data, hin u ciskostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

k) Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont,

l) Talli fl-istess post, data, hin u cirkonstanzi saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmiss;

m) U aktar talli fl-istess post, data, hin u cirkosntanzi waqt li kien qed jsuq l-imsemmija vettura naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u vista shiha tat-triq u tal-vetturi;

n) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

o) U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex (Mgt. Dr. E Grima LL.D.) moghtija fil-25/06/09, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex (Mgt. Dr. A. Ellul LL.D.) moghtija fl-14/05/08, Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-29 ta' Marzu 2009 (Magistat Dr. J. Apap Bologna LL.D) fis-26 ta' Novembru 1999 (Magistrat Dr. J. Padovani Grima (LL.D) u fit-30 ta' Mejju 2000 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

p) U fl-ahhar nett talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu nhar il-14 ta' Mejju, 2008 mill-Mag. Dr. Anthony Ellul LL.D.;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tissospendi l-Licenzja tas-Sewqan tal-impuat ghal perjodu ta' mhux inqas minn sena, kif ukoll tordna l-konfiska tal-vettura li ggib in-numru tac-chassis L4PGUM002532 030331;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-ahhar akkuza u dana peress illi s-sentenza tal-14 ta' Mejju, 2008, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ma gietxipprezentata mill-Prosekuzzjoni;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recediv;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(g), 263, 271 (g), 278 (1) (2), 188, 189, 49 u 50, 17 h u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll Reg. 17, 18, 21 u 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija;

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skont il-Ligi;

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tad-dokument H favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------